

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Italy](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut
minn
Italja

Italja



Titgħies bħala vittma ta' reat, "parti leża", jekk ikun rikonoxxut li għandek dritt legali li huwa protett mil-liġi kriminali li nkiser b'att li jikkostitwixxi reat skont il-liġi nazzjonali, jiġifieri li tkun sofret id-dannu li huwa parti *essenzjali* mill-att kriminali.

Tkun sofret dannu skont il-liġi ċivili bħala riżultat ta' reat meta ssofri ħsara (materjali jew mhux materjali, madankollu, f'kull każ, dannu li jista' jiġi stmat f'termini finanzjarji) li tkun ir-riżultat ta' att kriminali. Normalment, il-parti leża fil-liġi kriminali u l-parti li sofriet id-dannu fil-liġi ċivili jkunu l-istess, ħlief pereżempju f'każ ta' omiċidju, fejn il-vittma tkun il-persuna maqtula, filwaqt li l-membri tal-familja tagħha jkunu l-parti li sofriet dannu u għandhom id-dritt li jitilgħu l-qorti u jiksibu kumpens għad-dannu li jkunu sofrew.

Il-liġi kriminali u l-liġi ċivili jagħtu lill-vittma diversi drittijiet individwali qabel il-proċedimenti, matul u warajhom.

Fl-Italja, il-proċedimenti kriminali jibdew bl-inkjesti preliminari. Il-pulizija u l-prosekutur pubbliku jinvestigaw il-każ. Fi tmiem dawn l-inkjesti, il-prosekutur pubbliku jista' jressaq akkużi jew jitlob lill-imħallef li jkollu f'idejha l-inkjesti sabiex jagħlaq il-każ. Għal xi reati kriminali l-proċedimenti jistgħu jibdew biss jekk int, bħala l-vittma, tippreżenta kwerela lill-pulizija jew lis-servizz tal-prosekuzzjoni.

Matul il-proċess il-qorti teżamina l-evidenza miġbura u tistabbilixxi jekk l-akkużat huwiex ħati. Il-proċedimenti jintemmu meta l-akkużat tinqatagħlu s-sentenza jew jiġi lliberat mill-qorti, bil-possibilità li jsir appell lil qorti superjuri.

Bħala vittma, jista' jkollok parti importanti fil-proċedimenti kriminali u għaldaqstant hemm għadd ta' drittijiet li tista' teżerċita. Tista' tipparteċipa bħala vittma (il-parti leża) mingħajr status legali speċifiku, jew jista' jkollok rwol aktar attiv billi offiċjalment tiftaħ rikors ċivili kontra l-awtur tar-reat.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

[5 Iddrittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

[\[mt\] 2 Denuncia di un reato; miei diritti durante le indagini o il processo](#)

[\[mt\] 3 I miei diritti dopo il processo](#)

[\[mt\] 4 Risarcimento](#)

[\[mt\] 5 I miei diritti di aiuto e di assistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 08/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.